ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

C 320

Volum 51

Edizzjoni bil-Malti | Informazzjoni u Avviżi | 16 ta' Diċembru 2008

| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|

I *Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Kunsill**

2008/C 320/01 Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' l-21 ta' Novembru 2008 dwar strateġija Ewropea għall-multilingwiżmu 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

**Kunsill**

2008/C 320/02 Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2008 li taħtar tliet membri tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ..... 4

2008/C 320/03 Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill fil-21 ta' Novembru 2008, dwar il-mobilità taż-żgħażagħ ..... 6

2008/C 320/04 Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-promozzjoni tad-diversità kulturali u tad-djalogu interkulturali fir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha ..... 10

**Kummissjoni**

2008/C 320/05 Rata tal-kambju ta' l-euro ..... 13



*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Parlament Ewropew**

2008/C 320/06 Avviż ta' Reklutaġġ PE/115/S ..... 14

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

**Kummissjoni**

2008/C 320/07 Avviż tal-iskadenza ta' ċerti miżuri anti-dumping ..... 15

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Kummissjoni**

2008/C 320/08 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5415 — Telenet/Concentra/VAR/JV) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] ..... 16

**Nota lill-qarrej** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

MT

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

I

*(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# KUNSILL

## RIŻOLUZZJONI TAL-KUNSILL

## ta' l-21 ta' Novembru 2008

## dwar strateġija Ewropea għall-multilingwiżmu

(2008/C 320/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

B'REFERENZA GĦAL:

1. ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2002 dwar il-promozzjoni tad-diversità lingwistika u t-tagħlim tal-lingwi ([1]), li saħqet li l-għarfien tal-lingwi hija waħda mill-ħiliet bażiċi li kull ċittadin jeħtieġ sabiex jieħu sehem b'mod effettiv fis-soċjetà tal-għarfien Ewropea u għalhekk jiffaċilita kemm l-integrazzjoni fis-soċjetà u kemm il-koeżjoni soċjali;

2. il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li ltaqa' f'Barċellona fil-15 u s-16 ta' Marzu 2002, li appellaw għal azzjoni ulterjuri biex tittejjeb il-kisba ta' ħiliet bażiċi, b'mod partikolari permezz tat-tagħlim ta' żewġ lingwi barranin għal kulħadd minn età bikrija ħafna ([2]);

3. id-Deċiżjoni Nru 1983/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Diċembru 2006 dwar is-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali (2008) ([3]);

4. il-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2006 dwar l-Indikatur Ewropew tal-Kompetenza Lingwistika ([4]), li affermaw mill-ġdid li l-ħiliet f'lingwi barranin, barra milli jgħinu biex jitrawwem intendiment reċiproku bejn il-popli, huma prerekwiżit għal forza tax-xogħol mobbli u jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni Ewropea;

5. il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2008 dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2008-2010 ([5]), li jiġbdu l-attenzjoni għad-dimensjoni kulturali tal-multilingwiżmu u b'mod partikolari r-rwol tiegħu fl-aċċess għall-kultura u l-kontribut tagħha għall-kreattività;

6. il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2008 dwar il-Kompetenzi Interkulturali, li jirrikonoxxu r-rwol tat-tagħlim tal-lingwi u t-traduzzjoni għall-kisba ta' kompetenzi interkulturali;

7. il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2008 dwar il-multilingwiżmu, li, fost l-oħrajn, jistiednu lill-Kummissjoni biex sa tmiem l-2008 tfassal proposti għal qafas ta' politika komprensiva fir-rigward tal-multilingwiżmu.

WAQT LI JILQA':

— il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Settembru 2008 bit-titlu "*Il-Multilingwiżmu: vantaġġ għall-Ewropa u impenn komuni*" ([6]).

WAQT LI JIEĦU NOTA TA':

— il-Green Paper tal-Kummissjoni tat-3 ta' Lulju 2008 bit-titlu "*Migrazzjoni u Mobilità: L-isfidi u l-opportunitajiet għas-sistemi ta' edukazzjoni tal-UE*" ([7]),

u fid-dawl tal-proċedimenti tal-konvenzjoni dwar il-multilingwiżmu li saret f'Pariġi fis-26 ta' Settembru 2008.

JIKKUNSIDRA LI:

— id-diversità lingwistika u kulturali hija parti integrali mill-identità Ewropea; hija fl-istess ħin wirt kondiviż, rikkezza, sfida u assi għall-Ewropa,

— il-multilingwiżmu huwa tema trasversali prinċipali li jinkludi l-isfera soċjali, kulturali, ekonomika u għaldaqstant dik edukattiva,

— il-promozzjoni ta' lingwi Ewropej li huma inqas użati tirrappreżenta kontribut importanti għall-multilingwiżmu,

([1]) ĠU C 50, 23.2.2002.
([2]) SN 100/02, punt 44, p.19.
([3]) ĠU L 412, 30.12.2006, p. 44.
([4]) ĠU C 172, 25.7.2006, p. 1.
([5]) ĠU C 143, 10.6.2008.
([6]) 13253/08 + ADD 1 + ADD 2 + ADD 3.
([7]) 11631/08 + ADD 1 (COM (2008) 423 finali).

— xorta jridu jsiru sforzi sinifikattivi għall-promozzjoni tat-tagħlim tal-lingwi u għall-għoti ta' valur lill-aspetti kulturali tad-diversità lingwistika f'kull livell ta' edukazzjoni u taħriġ, filwaqt li tiġi mtejba wkoll l-informazzjoni dwar il-varjetà tal-lingwi Ewropej u t-tixrid tagħhom mad-dinja kollha,

— il-multilingwiżmu huwa wkoll ta' importanza partikolari għall-promozzjoni tad-diversità kulturali, inter alia fil-qasam tal-midja u l-kontenut online, u d-djalogu interkulturali ġewwa l-Ewropa u mar-reġjuni l-oħra tad-dinja; it-traduzzjoni, minħabba r-rabtiet li tistabbilixxi bejn il-lingwi u l-kulturi u l-aċċess wiesa' li tipprovdi għal xogħlijiet u ideat, għandha rwol speċjali f'dan il-proċess,

— id-diversità lingwstika fl-Ewropa tikkostitwixxi valur miżjud għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet ekonomiċi u kulturali bejn l-Unjoni Ewropea u l-bqija tad-dinja,

— il-multinligwiżmu jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kreattività billi jippermetti l-aċċess għal modi oħra ta' ħsieb, interpretazzjoni tad-dinja u espressjoni tal-immaġinazzjoni.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FIL-QAFAS TAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM U B'KONFORMITÀ SĦIĦA MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

1. **Jippromwovu l-multilingwiżmu bil-ħsieb li jsaħħu l-koeżjoni soċjali, id-djalogu interkulturali u l-bini tal-Ewropa**

(a) iżidu l-għarfien dwar il-benefiċċji tad-diversità lingwistika u t-tagħlim tal-lingwi fost il-membri tal-pubbliku u b'mod partikolari ż-żgħażagħ li jkunu qed jagħmlu taħriġ inizjali kemm fl-edukazzjoni ġenerali kif ukoll fl-edukazzjoni vokazzjonali;

(b) jipprovdu t-tagħlim tal-lingwa tal-pajjiż ospitanti għall-migranti, speċjalment iż-żgħażagħ, bħala element essenzjali għall-integrazzjoni b'suċċess u impjegabbiltà, waqt li jiġu rrispettati l-lingwi tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

2. **Isaħħu t-tagħlim tal-lingwi tul il-ħajja**

(a) jaħdmu biex jipprovdu liż-żgħażagħ, mill-aktar età bikrija u sa wara l-edukazzjoni inizjali u waqt l-edukazzjoni vokazzjonali u dik ogħla, provvista varja u ta' kwalità għolja ta' possibbiltajiet lingwistiċi u kulturali li jippermettulhom jitgħallmu tajjeb mill-inqas żewġ lingwi barranin, li huwa fattur ta' integrazzjoni f'soċjetà bbażata fuq l-għarfien;

(b) jagħmlu sforzi biex jippromwovu l-kisba u l-aġġornar regolari tal-kompetenzi lingwistiċi għal kulħadd, f'kuntesti formali, mhux formali u informali;

(c) jaħdmu biex iwessgħu l-għażla tal-lingwi mgħallma f'livelli differenti tal-edukazzjoni — inklużi lingwi rikonoxxuti li huma użati anqas, sabiex jippermettu lill-istudenti jagħżlu abbażi ta' konsiderazzjonijiet bħall-interessi personali jew is-sitwazzjoni ġeografika;

(d) jinkoraġġixxu t-tagħlim u t-tixrid tal-lingwi Ewropej, permezz tal-użu ta' għodod innovativi bħal ma huma t-teknoloġija tal-komunikazzjoni diġitali u tat-tagħlim f'distanza u approċċi bħal ma huma dawk ibbażati fuq l-interkomprensjoni ta' lingwi relatati;

(e) jippromwovu l-valutazzjoni ta' min ikun qed jitgħallem abbażi ta' għodod rikonoxxuti — bħall-Qafas Ewropew ta' Referenza Komuni għall-Ilsna tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Passaport tal-Lingwi Europass- u, fejn adatt, l-Indikatur Ewropew tal-Kompetenza tal-Lingwi;

(f) jagħtu attenzjoni partikolari lit-taħriġ ulterjuri tal-għalliema tal-lingwi u lit-titjib tal-kompetenzi lingwistiċi tal-għalliema inġenerali, sabiex ikun promoss it-tagħlim ta' suġġetti mhux lingwistiċi b'lingwi barranin (CLIL — Tagħlim Integrat tal-Kontenut u l-Lingwa);

(g) irawmu l-mobbiltà u l-iskambji Ewropej fost l-għalliema tal-lingwi, bil-mira li jiġi żgurat li numru kbir kemm jista' jkun possibbli jkunu qattgħu perijodu ta' żmien f'pajjiż fejn hi mitkellma l-lingwa li jgħallmu;

(h) jużaw il-Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja u skemi nazzjonali relevanti biex jipprovdu lill-gruppi kollha ta' mira — b'mod partikolari liż-żgħażagħ li jkunu qed jirċievu taħriġ u lill-għalliema — b'opportunitajiet ta' mobbiltà li jistgħu jgħinuhom itejbu l-kompetenzi lingwistiċi tagħhom, u inizjattivi bħat-Tikketta Ewropea għal-Lingwi biex jiġi żviluppat materjal għat-tagħlim tal-lingwi.

3. **Jippromwovu aħjar il-multilingwiżmu bħala fattur fil-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u l-mobbiltà u l-impjegabbiltà tal-persuni**

(a) jappoġġaw il-provvista u t-tagħlim ta' firxa wiesgħa ta' lingwi, sabiex jgħinu lill-intrapriżi, speċjalment dawk żgħar u ta' daqs medju (SMEs), jwessgħu l-aċċess tagħhom għas-swieq — b'mod partikolari s-swieq emerġenti — mad-dinja kollha;

(b) jinkoraġġixxu li tingħata importanza akbar lill-kompetenzi lingwistiċi fl-iżvilupp tal-karrieri tal-impjegati, b'mod partikolari dawk ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

(c) jagħmlu użu mill-Fondi Strutturali Ewropej, fejn adatt, sabiex jipprovdu korsijiet lingwistiċi speċifiċi għall-impjieg fit-taħriġ vokazzjonali ulterjuri u l-edukazzjoni għall-adulti;

(d) jagħtu valur u jagħmlu użu mill-kompetenzi lingwistiċi taċ-ċittadini bi sfond migratorju, bħala mezz ta' tisħiħ kemm tad-djalogu interkulturali u kemm tal-kompetittività ekonomika.

4. **Jippromwovu d-diversità lingwistika u d-djalogu interkulturali billi jżidu l-assistenza għat-traduzzjoni, sabiex jinkoraġġixxu ċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet u t-tixrid ta' ideat u għarfien fl-Ewropa u mad-dinja kollha:**

A. Fil-qafas tal-politiki u l-programmi eżistenti:

(a) jinfurmaw aħjar lill-pubbliku, u b'mod partikolari lill-professjonisti Ewropej, dwar skemi nazzjonali u Ewropej ta' assistenza għat-traduzzjoni ta' testi letterarji, xjentifiċi jew tekniċi inkluż il-konenut online kulturali u kreattiv, surtitli ta' xogħlijiet ta' spettakli live u sottotitli ta' xogħlijiet awdjoviżivi u films;

(b) jikkoordinaw u jżidu l-assistenza pprovduta, fil-qafas tal-programmi Ewropej eżistenti, għall-miżuri b'appoġġ għat-traduzzjoni;

(c) jiżviluppaw il-possibbiltajiet u l-kwalità tat-taħriġ fit-traduzzjoni u jtejbu l-informazzjoni dwar il-karrieri u l-korsijiet fit-traduzzjoni mogħtija lill-gruppi rilevanti ta' mira (studenti tal-iskola, studenti universitarji, intrapriżi, eċċ.);

(d) jappoġġaw l-innetwerkjar ta' bażijiet tad-data ta' terminoloġija multilingwistika biex jiffaċilitaw ix-xogħol tat-tradutturi u l-interpreti;

(e) jinkoraġġixxu l-iżvilupp tat-teknoloġiji lingwistiċi, b'mod partikolari fil-qasam tat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni, l-ewwel nett permezz tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali, il-korpi ta' riċerka u l-industrija, u t-tieni billi jiżguraw konverġenza bejn il-programmi ta' riċerka, l-identifikazzjoni tal-oqsma ta' applikazzjoni u l-iskjerament tat-teknoloġiji fil-lingwi kollha tal-UE.

B. Jibdew diskussjoni dwar ir-relevanza u l-fattibbiltà, fil-perijodu fit-tul, ta' programm speċifiku ta' assistenza għat-traduzzjoni li jkun kapaċi jirribatti l-isfidi kulturali, teknoloġiċi u professjonali involuti.

5. **Jippromwovu l-lingwi tal-UE mad-dinja kollha**

(a) isaħħu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u bejn l-istituzzjonijiet kulturali tagħhom jew korpi rappreżentattivi oħrajn f'pajjiżi terzi, u jippromwovu sħubiji lingwistiċi u djalogu interkulturali ma' pajjiżi terzi;

(b) jagħmlu l-aħjar użu mill-potenzjal tal-lingwi Ewropej għall-iżvilupp ta' djalogu kulturali u ekonomiku mal-bqija tad-dinja u għat-tisħiħ tal-irwol tal-UE fix-xena internazzjonali;

(c) itejbu l-kooperazzjoni ma' kemm l-organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali, b'mod partikolari fill-Kunsill tal-Ewropa u l-Unesco, li jaħdmu fil-qasam tat-tagħlim tal-lingwi u d-diversità lingwistika u kulturali.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

1. tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jilħqu l-objettivi mniżżla f'din ir-Riżoluzzjoni, billi jużaw il-potenzjal sħiħ tal-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni, il-kultura u oqsma ta' politika oħrajn rilevanti;
2. fil-kuntest tal-qafas ta' politika komprensiv ġdid dwar il-multilingwiżmu u fil-limiti tal-kompetenza tagħha, tadotta miżuri mmirati biex jittieħed kont debitu tal-ħtiġijiet lingwistiċi taċ-ċittadini u tal-istituzzjonijiet, b'attenzjoni partikolari;
   - għar-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u l-pubbliku;
   - għar-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u istituzzjonijiet nazzjonali, u b'attenzjoni partikolari sabiex tiġi pprovduta informazzjoni fil-lingwi uffiċjali kollha u sabiex jiġi promoss il-multilingwiżmu fis-siti elettroniċi tal-Kummissjoni;
3. tirrapporta, sa nofs l-2011, dwar l-implimentazzjoni ta' din ir-Riżoluzzjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri u billi tpoġġi enfasi speċjali fuq eżempji ta' prattika tajba;
4. tirrevedi perjodikament is-sitwazzjoni fir-rigward tal-kompetenzi lingwistiċi fl-Ewropa, b'mod partikolari abbażi ta' kwalunkwe riċerka eżistenti mwettqa mill-Istati Membri, il-Qafas Ewropew ta' Referenza Komuni għall-Ilsna u, fejn adatt, l-Indikatur Ewropew tal-Kompetenza tal-Lingwi.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-27 ta' Novembru 2008

## li taħtar tliet membri tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

(2008/C 320/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ([1]), u partikolarment l-Artikolu 79 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jipprevedi li l-Kunsill għandu jaħtar bħala Membri tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru.

(2) Bid-Deċiżjoni tas-7 ta' Ġunju 2007 ([2]) il-Kunsill ħatar 27 membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi.

(3) Il-Gvern Finlandiż informa lill-Kunsill bil-ħsieb tiegħu li jissostitwixxi lir-rappreżentant Finlandiż fil-Bord ta' Tmexxija u ppreżenta nomina għal rappreżentant ġdid, li għandu jinħatar għal perijodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2013.

(4) Il-Gvern Latvjan informa lill-Kunsill bil-ħsieb tiegħu li jissostitwixxi lir-rappreżentant Latvjan fil-Bord ta' Tmexxija u ppreżenta nomina għal rappreżentant ġdid, li għandu jinħatar għal perijodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2011.

(5) Il-Gvern Portugiż informa lill-Kunsill bil-ħsieb tiegħu li jissostitwixxi lir-rappreżentant Portugiż fil-Bord ta' Tmexxija u ppreżenta nomina għal rappreżentant ġdid, li għandu jinħatar għal perijodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2011,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Is-Sinjura Pirkko KIVELÄ ta' nazzjonalità Finlandiża, imwielda fit-23 ta' Ottubru 1953, hija b'dan maħtura membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi flok is-Sur Jukka MALM għall-perijodu minn 17 ta' Diċembru 2008 sal-31 ta' Mejju 2013.

*Artikolu 2*

Is-Sur Armands PLĀTE ta' nazzjonalità Latvjana, imwieled fis-27 ta' Frar 1962 huwa b'dan maħtur tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi flok is-Sinjura Ilze KIRSTUKA għall-perijodu minn 17 ta' Diċembru 2008 sal-31 ta' Mejju 2011.

*Artikolu 3*

Is-Sinjura Maria Fernanda SANTIAGO ta' nazzjonalità Portugiża, imwielda fit-28 ta' Jannar 1948, hija b'dan maħtura tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi flok is-Sur António Nuno FERNANDES GONÇALVES HENRIQUES għall-perijodu minn 17 ta' Diċembru 2008 sal-31 ta' Mejju 2011.

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU C 134, 16.6.2007, p. 6.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Novembru 2008.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill fil-21 ta' Novembru 2008, dwar il-mobilità taż-żgħażagħ**

(2008/C 320/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

BILLI:

1. Il-Kunsill Ewropew, imlaqqa' f'Lisbona f'Marzu 2000 u f'Barċellona f'Marzu 2002, qabel li jistabbilixxi l-objettiv strateġiku li jagħmel lill-Unjoni Ewropea, minn issa sal-2010, l-ekonomija u s-soċjetà tal-għarfien l-aktar kompetittiva u l-aktar dinamika tad-dinja, li jagħmel is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Unjoni Ewropea, minn issa sal-2010, referenza ta' kwalità dinjija u li joħloq Spazju Ewropew tar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

2. Il-Kunsill Ewropew, imlaqqa' fi Brussell f'Marzu 2008 qabel dwar l-objettiv li jelimina l-ostakoli għall-moviment liberu tal-għarfien billi joħloq il-"ħames libertà", li fost oħrajn tinvolvi aktar mobilità transkonfinali tar-riċerkaturi kif ukoll tal-istudenti, tax-xjenzjati u tal-għalliema tal-universitajiet.

3. Id-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxu Programmi ta' Azzjoni għall-perijodu 2007-2013 fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-ħajja u tul iż-żgħożija għandhom kollha l-għan li jtejbu l-mobilità; barra minn hekk, il-programmi u l-azzjonijiet Ewropej fl-oqsma tar-riċerka u tal-politiki dwar l-intrapriżi, kif ukoll il-Fondi Strutturali, ukoll jikkondividu dak l-istess għan.

4. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Karta Ewropea ta' Kwalità għall-Mobilità (2006) issuġġeriet prinċipji ewlenin biex ikunu żgurati l-aħjar kondizzjonijiet possibbli biex jitħejja, jiġi assistit u jiġi valutat il-perijodu ta' mobilità ta' żgħażugħ fi Stat Membru ieħor.

5. L-għan tal-proċess ta' Bolonja fil-każ tal-edukazzjoni għolja u l-proċess ta' Kopenħagen fil-każ tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huwa li jiġi stabbilit spazju Ewropew li joffri aktar mobilità tal-istudenti u l-għalliema, aktar trasparenza fir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-perijodi tal-istudju u t-taħriġ, u l-kooperazzjoni mtejba bejn l-istituzzjonijiet.

6. Id-diversi strumenti Ewropej, kemm eżistenti (QEK, ECTS u Europass) u futuri (ECVET) għandhom, l-għan li jippermettu li ċ-ċittadini Ewropej ikollhom il-kwalifiki u l-kompetenzi tagħhom rikonoxxuti u mogħtija siwi akbar, kif ukoll biex jipprovdulhom informazzjoni dwar opportunitajiet ta' tagħlim fl-Ewropa kollha (il-portal PLOTEUS u l-portali "Srudji fl-Ewropa"). [1]

7. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kompetenzi interkulturali ta' Mejju 2008 jenfasizzaw il-kontribuzzjoni tal-mobilità għall-kisba ta' tali kompetenzi.

8. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Mobilità ta' Voluntiera Żgħażagħ fl-Unjoni Ewropea Kollha ta' l-20 ta' Novembru 2008 tindirizza l-kwistjonijiet relatati speċifikament mal-mobilità ta' voluntiera żgħażagħ,

JILQA' r-rapport mill-Forum ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar il-Mobilità li l-Kummissjoni Ewropea pubblikat f'Ġunju 2008 [2], bħala rispons għall-appell tal-Kunsill biex il-mobilità tiġi promossa u estiża lil hinn mill-istudenti sabiex jibbenifikaw gruppi ta' mira żgħażagħ oħra, u r-rapport tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-29 ta' Mejju 2008 bl-isem "Intejbu l-mobilità taż-żgħażagħ fl-Ewropa: aspetti prattiċi u aġenda".

KONXJU li:

il-mobilità taż-żgħażagħ fl-Ewropa, ibbażata fuq il-prinċipju tal-moviment liberu ggarantit liċ-ċittadini Ewropej kollha, imqiegħda fil-qalba tal-kooperazzjoni Ewropea rigward l-edukazzjoni u t-taħriġ, sew jekk formali, informali jew mhux formali, u sfida kruċjali għall-Ewropa bbażata fuq l-għarfien, hija għodda importanti sabiex:

— trawwem is-sentiment ta' appartenenza Ewropea,

— tippromwovi l-inklużjoni soċjali u professjonali,

— tiżgura l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea f'ambjent globalizzat.

JINNOTA li:

Waqt li l-programm Erasmus kien ta' suċċess, il-mobilità taż-żgħażagħ madanakollu wisq drabi tibqa' l-eċċezzjoni; dak hu veru anke għall-istudenti li minnhom huwa biss proporzjon baxx li jmur fi Stat Membru ieħor biex jistudja jew biex jieħu taħriġ f'intrapriża. Il-mobilità għadha mhix iddistribwita b'mod ugwali, skont is-setturi u t-tipi ta' taħriġ, is-suġġetti ta' studju, il-pajjiżi jew l-isfond soċjali, b'mod partikolari bħala riżultat ta' nuqqas ta' informazzjoni, problemi ta' finanzjament u rikonoxximent insuffiċjenti ta' perijodi ta' studju fuq korsijiet barra l-pajjiż. Il-mobilità tkompli ma tkunx magħrufa biżżejjed, minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni ta' kwalità tajba u ta' statistika affidabbli u komparabbli barra l-qafas tal-programmi Komunitarji.

JISSOTTOLINJA L-PRINĊIPJI LI ĠEJJIN:

1. il-mobilità tikkonċerna liż-żgħażagħ Ewropej kollha, kemm jekk huma tfal tal-iskola, kif ukoll studenti, apprendisti, volontarji, għalliema, riċerkaturi żgħażagħ, ħarrieġa, dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ, imprendituri, jew dawk fis-suq tax-xogħol;

[1] http://www. ec.europa.eu/ploteus, http://www.study-in-europe.org

[2] http://ec.europa.eu/education/doc/2008/mobilityreport_en.pdf

2. il-mobilità għandha tiftiehem primarjament bħala mobilità fiżika, li tfisser toqgħod f'pajjiż ieħor għal studju, għal perijodu f'ambitu professjonali, għal ħidma għall-ġid tal-komunità jew għal taħriġ supplimentari fil-kuntest ta' taħriġ tul il-ħajja. Madanakollu, "mobilità virtwali", jiġifieri l-użu ta' TIK għall-iżvilupp ta' sħubijiet u ta' skambji fuq distanzi twal ma' żgħażagħ f'pajjiżi oħra bħala parti minn proġett edukattiv jew ta' taħriġ strutturat, jista' jkun ukoll ta' kontribut sinifikattiv għall-mobilità, b'mod partikolari fil-kuntest tal-iskejjel;

3. il-mobilità ma għandhiex titqies bħala għan fih innifsu, iżda bħala mezz ippreferut għat-tisħiħ taċ-ċittadinanza u l-kompetittività Ewropea, għall-espansjoni u l-arrikkiment tat-taħriġ u l-esperjenzi taż-żgħażagħ, it-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom ta' adattament u impjegabbiltà, kif ukoll l-iżvilupp tal-fehim interkulturali tagħhom permezz tal-ħiliet tal-lingwi u li jkunu esposti għal kulturi oħra;

4. Sabiex politika ambizzjuża u trasversali għall-mobilità fl-Ewropa tirnexxi, hija għandha toħloq interess fil-mobilità fost iż-żgħażagħ kollha, għandu jkollha l-objettiv li b'mod gradwali perijodu ta' mobilità f'pajjiż Ewropew ieħor isir ir-regola għal kulħadd u tippermetti li jkunu allokati riżorsi finanzjarji adatti sabiex tintlaħaq dik l-isfida. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għal dawk l-istudenti li, minħabba l-isfond soċjo-ekonomiku jew il-ħtiġijiet speċjali tagħhom, jeħtieġu appoġġ finanzjarju addizzjonali. Politika simili għandha tiffoka wkoll fuq l-arranġamenti għall-preparazzjoni u għall-appoġġ tal-mobilità, kif ukoll għar-rikonoxximent tar-riżultat ta' perijodu ta' mobilità, u għandha tippromwovi l-iżvilupp tal-mobilità għal għalliema u ħarrieġa, li għandhom parti ewlenija f'dawn l-arranġamenti.

5. Din il-politika ta' mobilità hija, fuq kollox, immirata lejn mobilità intra-Ewropea iżda tista' tikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp tal-mobilità bejn l-Ewropa u pajjiżi terzi.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

1. jadottaw l-objettiv li perijodi ta' tagħlim barra mill-pajjiż isiru gradwalment ir-regola aktar milli l-eċċezzjoni għaż-żgħażagħ Ewropej kollha billi jiżdiedu l-opportunitajiet għall-mobilità transkonfinali f'diversi oqsma ta' edukazzjoni u taħriġ u, b'konsiderazzjoni adatta għall-oqfsa u għall-leġislazzjoni nazzjonali, fil-qasam tal-attivitajiet volontarji;

2. għal dak l-għan, jilħqu l-objettivi stabbiliti mill-programmi tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma tal-edukazzjoni, iż-żgħażagħ, il-kultura, iċ-ċittadinanza u r-riċerka għall-perijodu 2007-2013;

3. abbażi tal-proċedimenti tal-Forum ta' Esperti ta' Livell Għoli, jaħdmu kemm jista' jkun għall-għanijiet li ġejjin lil hinn mill-2013:

3.1. kull żgħażugħ għandu jkollu l-opportunità li jieħu sehem f'xi forma ta' mobilità, sew jekk din tkun tul l-istudji jew it-taħriġ tiegħu, fil-forma ta' taħriġ professjonali u sew jekk tkun fil-kuntest ta' attivitajiet volontarji. B'mod partikolari:

— kull student tal-iskola f'edukazzjoni ġenerali jew f'edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali għandu jkollu l-opportunità li jipparteċipa fi skema tal-mobilità matul l-istudji tagħhom,

— kull student fl-edukazzjoni ogħla għandu jkollu l-opportunità li jsegwi perijodu ta' studju jew taħriġ jew taħriġ professjonali barra l-pajjiż. Istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Ogħla għandhom ikunu mħeġġa jagħmlu tali perijodi ta' mobilità parti mill-korsijiet universitarji li jwasslu għal lawrja, fl-ewwel jew fit-tieni ċiklu,

— l-opportunitajiet għall-mobilità fil-kuntest tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali għandhom jiżdiedu b'mod sinifikanti.

3.2 il-mobilità ta' għalliema, ta' ħarrieġa u ta' persunal ieħor edukattiv, speċjalment fil-qafas ta' programmi eżistenti, għandha tiżdied;

4. jpoġġu dawn l-objettivi fil-prattika f'diversi livelli biex jiżdiedu l-opportunitajiet ta' mobilità disponibbli għaż-żgħażagħ u jiġu implimentati sħubiji għall-mobilità li jinvolvu lill-partijiet interessati kollha — awtoritajiet pubbliċi, intrapriżi, istituzzjonijiet edukattivi u tat-taħriġ — u s-soċjetà ċivili.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, FL-ISFERI TAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM, biex jadottaw miżuri li jikkunsidraw s-sitwazzjonijiet u l-leġislazzjoni nazzjonali, bil-għan li gradwalment jeliminaw l-ostakoli għall-mobilità fl-oqsma differenti u biex jiżguraw ir-rikonoxximent tal-perijodi ta' studju u ta' taħriġ barra mill-pajjiż. Fil-qafas tad-diversi eżerċizzji ta' metodu miftuħ ta' koordinazzjoni għall-edukazzjoni u t-taħriġ, il-kultura u ż-żgħażagħ, huma għandhom ifittxu b'mod partikolari li:

1. **Jiżviluppaw l-ambitu għall-mobilità għaż-żgħażagħ kollha**

1.1. jamministraw aħjar l-appoġġ pubbliku għall-mobilità billi jippromwovu intervent koordinat mill-atturi politiċi (l-Unjoni Ewropea, l-Istat, l-awtoritajiet reġjonali u lokali) u amministrattivi (speċjalment l-aġenziji nazzjonali inkarigati mill-ġestjoni tal-programmi Komunitarji);

1.2. jisfruttaw b'mod sħiħ il-possibbiltajiet attwali kollha ta' mobilità offruti mill-programmi tal-Unjoni Ewropea li jinkludu l-mobilità virtwali u jinvolvu mhux biss liż-żgħażagħ, iżda b'mod aktar ġenerali lill-persunal edukattiv;

1.3. jieħdu kont tal-ħtiġijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-finanzjament, ta' studenti li ma għandhomx mezzi biżżejjed u li ma jkunux jistgħu jieħdu vantaġġ minn programmi ta' mobilità mingħajr finanzjament;

1.4. jippromwovu l-iżvilupp ta' opportunitajiet ġodda ta' mobilità, b'mod partikolari billi:

— jestendu s-sħubiji li jintegraw perijodi rikonoxxuti ta' mobilità fi stabbilimenti jew strutturi oħra, speċjalment assoċjazzjonijiet,

— iżidu n-numru ta' diplomi doppji jew konġunti,

— isaħħu l-appoġġ għall-mobilità għat-taħriġ vokazzjonali ta' żgħażagħ, inkluzi l-apprendisti,

— jirrikorru aktar għal żjarat kulturali u lingwistiċi,

— jippromwovu r-raggruppamenti ta' studenti tal-iskejjel tal-arti Ewropej bl-għan li jwettqu proġetti konġunti,

— jistabbilixxu moduli ta' taħriġ komplimentarju offruti mill-universitajiet, pereżempju, korsijiet tas-sajf,

— iżidu l-mobilità bejn l-intrapriżi u bejn intrapriżi u il-komunitajiet akkademiċi ta' taħriġ u ta' riċerka,

— joħolqu opportunitajiet għal skambji fil-qafas tal-attivitajiet volontarji.

2. **Jipprovdu informazzjoni aħjar dwar il-programmi kollha ta' mobilità li jeżistu**

2.1. jqajmu sensibilizzazzjoni dwar il-vantaġġi tal-mobilità fost iż-żgħażagħ, il-persunal responsabbli minnhom u ċ-ċirkolu soċjali tagħhom (b'mod partikolari il-familja, l-għalliema u l-persunal edukattiv tagħhom), u dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ; għal dak il-għan, jippromwovu aċċess għall-informazzjoni għal dawn il-gruppi ta' mira bil-mezzi kollha possibbli;

2.2. isaħħu aktar il-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma tal-edukazzjoni, iż-żgħażagħ, il-kultura, iċ-ċittadinanza u r-riċerka.

3. **Jissimplifikaw il-proċeduri**

3.1. ikomplu jissimplifikaw il-modalitajiet tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari billi jagħmlu użu ġenerali mill-konvenzjonijiet multiannwali, speċjalment fil-qasam tat-tagħlim u t-taħriġ professjonali. Tali arranġamenti huma prekondizzjoni biex jiġu stabbiliti sħubiji dejjiema bejn stabbilimenti tat-taħriġ u intrapriżi;

3.2. jimplimentaw jew jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' strateġija ta' inċentiv finanzjarju għal korpi u partijiet interessati, b'mod partikolari l-għalliema, l-ħarrieġa u dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ li jorganizzaw il-mobilità Ewropea taż-żgħażagħ li jkunu inkarigati minnhom;

3.3. itejbu r-rikonoxximent tat-tagħlim miksub permezz tal-mobilità, billi jiġġeneralizzaw kemm jista' jkun il-validazzjoni tat-tagħlim miksub għal perijodi kollha ta' mobilità fl-Ewropa — objettiv iffaċilitat bill-korrelazzjoni li jmiss, sal-2010, tas-sistemi ta' kwalifiki tal-Istati Membri mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, u mill-istrumenti Ewropej bħall-Europass, il-Youthpass, il-krediti tal-ECTS u s-sistema ECVET.

4. **Iwessgħu u jiddiversifikaw is-sorsi tal-finanzjament għall-mobilità taż-żgħażagħ**

4.1. jappoġġaw il-mobilità taż-żgħażagħ permezz ta' finanzjament Komunitarju, fil-limiti ffissati mill-Qafas Finanzjarju, b'mod partikolari mill-Fondi Strutturali — l-aktar b'użu aħjar tal-possibilitajiet offruti mill-Fond Soċjali Ewropew — u għal perijidu fit-tul billi jadattaw il-linji gwida tagħhom u l-ġestjoni tagħhom skont il-prijoritajiet tal-Istati Membri biex jieħdu kont tal-objettiv ta' mobilità;

4.2. jinkoraġġixxu diversifikazzjoni usa' u komplimentarjetà aħjar tal-metodi ta' finanzjament tal-proġetti ta' mobilità taż-żgħażagħ, billi jirrikorru għal sorsi ta' finanzjament pubbliċi u privati fil-limiti tal-kapaċitajiet rispettivi tagħhom (l-Istat, awtoritajiet reġjonali u lokali, intrapriżi, istituzzjonijiet bankarji inkluż il-Bank Ewropew tal-Investiment, fondazzjonijiet, assoċjazzjonijiet professjonali Ewropej, eċċ.);

4.3 jieħdu kont tal-ħtiġijiet finanzjarji partikolari ta' studenti minn sfondi soċjo-ekonomiċi anqas favorevoli jew bi ħtiġijiet speċjali biex jippermettu l-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi ta' mobilità;

5. **Japplikaw il-prinċipji mniżżla fil-Karta Ewropea ta' Kwalità għall-Mobilità fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ għall-forom kollha ta' mobilità taż-żgħażagħ, b'mod partikolari fir-rigward ta' arranġamenti għat-tħejjija, l-appoġġ u l-valutazzjoni tal-perijodi ta' mobilità**

5.1. jinkoraġġixxu skambji ta' prattiki tajbin fir-rigward tażżieda tal-kapaċità u t-titijib ta' kwalità ta' akkoljenza ta' żgħażagħ Ewropej fi skemi ta' mobilità;

5.2. jappellaw lill-partijiet interessati responsabbli biex itejbu l-kondizzjonijiet tal-akkomodazzjoni, tal-ħajja u tax-xogħol taż-żgħażagħ Ewropej fi skemi ta' mobilità, b'mod partikolari fuq il-kampus tal-edukazzjoni ogħla;

5.3. itejbu l-kondizzjonijiet tat-tħejjija lingwistika u kulturali għall-mobilità taż-żgħażagħ.

6. **Iżidu l-għarfien dwar il-mobilità taż-żgħażagħ**

6.1. jeżaminaw is-sitwazzjoni tal-flussi ta' mobilità fl-Ewropa, billi jikkonsolidaw u, fejn applikabbli, jiġbru statistika affidabbli u komparabbli;

6.2. ixerrdu u jikkondividu b'mod aktar effiċjenti r-riżultati ta' sħarriġ disponibbli;

6.3. iwettqu studji tal-impatt kif adatt biex jiġu valutati l-benefiċċji prattiċi tal-mobilità għaż-żgħażagħ Ewropej minn punt di vista kulturali, edukattiv u professjonali.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

1. tistabbilixxi pjan ta' ħidma biex jiġu inklużi miżuri ta' mobilità transkonfinali fil-programmi kollha Ewropej, b'mod partikolari bl-istabbiliment ta' mekkaniżmi għall-promozzjoni ta' programmi fost iż-żgħażagħ u li jiffaċilitaw l-iżvilupp, flimkien mal-awtoritajiet kompetenti, ta' "one-stop-shops", kif ukoll portal Ewropew għall-mobilità taż-żgħażagħ, biex tittjieb id-dessiminazzjoni tal-informazzjoni fost iż-żgħażagħ u l-istituzzjonijiet rilevanti, jiġu sfrutatti l-possibbilitajiet ta' kull programm għall-mobilità virtwali, u biex jiġu ġġenerati effetti multipliċi fost id-diversi programmi;

2. tippubblika, qabel tmiem l-2010, rapport dwar l-iżvilupp fitterminu medju tal-mobilità Ewropea taż-żgħażagħ u biex tfassal rapporti regolari inkluzi fir-rapport interim konġunt ta' kull 4 snin dwar l-istat tal-mobilità taż-żgħażagħ l-għalliema fl-Unjoni Ewropea;

3. tipproduċi gwida għall-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-istituzzjonijiet edukattivi u tat-taħriġ u l-atturi assoċjati mal-politiki taż-żgħażagħ bl-għan li tiffaċilitalhom l-aċċess għall-politiki Ewropej l-oħrajn li jappoġġaw il-mobilità, bħal ma huma l-fondi strutturali u l-politiki u l-programmi għar-riċerka;

4. tesplora l-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' mezzi oħra ta' għajnuna finanzjarja sabiex tgħin liż-żgħażagħ biex jgħaddu perijodi ta' mobilità ta' tagħlim transkonfinali, inkluża l-possibilità ta' "Self Ewropew għall-Istudenti", u li tgħarraf lill-Kunsill bil-progress miksub.

# Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-promozzjoni tad-diversità kulturali u tad-djalogu interkulturali fir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha

(2008/C 320/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI, IMLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

1. WARA LI KKUNSIDRAW:

— it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

— il-Konvenzjoni tal-Unesco dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali tal-20 ta' Ottubru 2005 ([1]),

— il-Konvenzjoni tal-Unesco tal-14 ta' Novembru 1970 dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu għall-projbizzjoni u t-twaqqif tal-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-trasferiment ta' proprjetà illeċita ta' beni kulturali,

— id-Deċiżjoni Nru 1983/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali (2008) ([2]).

2. WAQT LI LAQGĦU:

— il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell fid-19 u l-20 ta' Ġunju 2008 ([3]), li permezz tagħhom il-kooperazzjoni kulturali u d-djalogu interkulturali huma kkunsidrati bħala komponenti vera u proprja tal-firxa sħiħa ta' politiki esterni.

3. WAQT LI RREFEREW:

— għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas- 16 ta' Novembru 2007 dwar Aġenda Ewropea għall-kultura ([4]),

— għall-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar Kompetenzi Interkulturali ([5]),

— u għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2008-2010 ([6]).

4. WAQT LI LAQGĦU B'INTERESS:

— il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Mejju 2007 dwar Aġenda Ewropea għall-kultura f'dinja li qed tiġi gglobalizzata ([7]).

5. BILLI:

— id-djalogu interkulturali jista' jikkontribwixxi għat-tqarrib tal-individwi u tal-popli, għall-prevenzjoni tal-konflitti u għall-proċessi ta' rikonċiljazzjoni, partikolarment fir-reġjuni li jinsabu f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità politika,

— l-iskambji kulturali u l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni kulturali, inkluż fil-qasam awdjoviżiv, jistgħu jgħinu għat-tfassil ta' relazzjonijiet ibbażati fuq is-sħubija, għat-tisħiħ tal-post u r-rwol tas-soċjetà ċivili, għall-proċessi ta' demokratizzazzjoni u ta' governanza tajba, kif ukoll għall-promozzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-libertajiet fundamentali,

— il-kultura, komponent essenzjali tal-ekonomija tal-għarfien, hija wkoll settur b'potenzjal ekonomiku qawwi, b'mod partikolari dwar l-industriji kulturali u kreattivi u dik tat-turiżmu kulturali sostenibbli,

— il-post tal-Ewropa fid-dinja, mill-perspettiva artistika, intelletwali u xjentifika jiddependi b'mod ġenerali mid-dinamiżmu tal-kreattività kulturali tagħha u minn dawn mill-iskambji kulturali tagħha mal-pajjiżi terzi,

— ir-rabtiet kulturali bejn l-Ewropa u r-reġjuni l-oħrajn fid-dinja jistgħu jkunu importanti għall-iżvilupp tad-djalogu interkulturali u l-implimentazzjoni ta' proġetti kulturali komuni; l-Unjoni għandha tiżgura wkoll li tippromwovi d-diversità kulturali u lingwistika tagħha.

6. JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FIL-QAFAS TAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM U FIR-RISPETT TAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX:

## A. **Jissuktaw bl-objettivi politiċi li ġejjin:**

1. isaħħu l-post u r-rwol tal-kultura fil-politiki u l-programmi mmexxija fil-qafas tar-relazzjonijiet esterni u jiffavorixxu l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tal-kultura, partikolarment l-Unesco u l-Kunsill tal-Ewropa, sabiex itejbu l-kwalità u d-diversità tal-azzjonijiet kulturali implimentati, u b'mod aktar ġenerali, jikkontribwixxu għat-twettiq tal-objettivi tal-politika esterna u għall-iżvilupp sostenibbli;

2. jippromwovu l-Konvenzjoni tal-UNesco dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali tal-20 ta' Ottubru 2005:

— iħeġġu r-rattifika u l-implimentazzjoni ta' din il-konvenzjoni, element ċentrali tar-relazzjonijiet kulturali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mal-pajjiżi terzi u waħda mill-pilastri tal-governanza globali,

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali (ĠU L 201, 25.7.2006, p. 15)

([2]) ĠU L 412, 30.12.2006, p. 44.

([3]) 11018/08.

([4]) ĠU C 287, 29.11.2007, p. 1.

([5]) 9021/08.

([6]) ĠU C 143, 10.6.2008, p. 9.

([7]) COM(2007) 242 finali.

— jieħdu kont sħiħ fir-relazzjonijiet esterni tal-ispeċifiċità tal-attivitajiet, beni u servizzi kulturali, li għandhom natura doppja, ekonomika u kulturali,

— jidħlu fi djalogu politiku mal-pajjiżi terzi jew jissuktaw b'dan, partikolarment dwar l-oqsfa leġislattivi u regolamentari, sabiex jiżviluppaw il-post għall-kultura fil-politiki tagħhom,

— jippromwovu politiki kulturali esterni li jiffavorixxu d-dinamiżmu u l-bilanċ tal-iskambji tal-beni u s-servizzi kulturali mal-pajjiżi terzi, partikolarment l-ekonomiji emerġenti, sabiex jippreservaw u jippromwovu d-diversità kulturali fid-dinja u jikkontribwixxu għall-vitalità tal-ekonomija Ewropea tal-kultura,

— isaħħu l-kontribut tal-kultura għall-iżvilupp sostenibbli u jiffavorixxu l-kopperazzjoni u s-solidarjetà mal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fi spirtu ta' sħubija, partikolarment bil-ħsieb li jżidu l-kapaċità ta' dawn il-pajjiżi li jipproteġu u jippromwovu d-diversità tal-espressjonijiet kulturali, inklużi l-industriji kulturali u l-kreazzjoni kontemporanja.

3. jiffavorixxu d-djalogu interkulturali permezz tal-issukktar ta' proġetti konkreti, ta' azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' skambji ta' prattiki tajbin imwettqa b'suċċess fl-Istati Membri u barra mill-Unjoni fil-qafas tas-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali (2008), partikolarment abbażi tal-bilanċ ta' din is-sena li ser ikun stabbilit mill-Kummissjoni.

B. **Jiddefinixxu l-approċċi gloabli u koerenti:**

— l-elaborazzjoni ta' strateġija Ewropea li timmira għall-inklużjoni b'mod koerenti u sistematiku tal-kultura fir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni u li tikkontribwixxi għall-kumplimentarjetà tal-azzjonijiet tal-Unjoni ma' dawk ta' dawn l-Istati Membri,

— l-implimentazzjoni ta' strateġiji speċifiċi mar-reġjuni u l-pajjiżi terzi, bil-ħsieb li jiġu ppreċiżati l-objettivi u l-mezzi ta' azzjoni fil-qasam tar-relazzjonijiet kulturali; dawn l-istrateġiji ser ikunu adattati b'mod partikolari għall-karratteristiċi u għall-perspettivi tal-iżvilupp sostenibbli tas-settur tal-kultura tagħhom, għall-istat ta' skambji kulturali mal-Unjoni, kif ukoll għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tagħhom,

— dawn l-istrateġiji speċifiċi jistgħu jiġu definiti, fir-rispett tar-ridistribuzzjoni tal-kompetenzi stabbiliti mit-Trattat, fi tmiem tal-proċessi ta' kompetenza u ta' konsultazzjoni mal-pajjiżi u r-reġjuni kkonċernati.

C. **Isaħħu l-appoġġ f'dan il-qafas:**

— għall-azzjonijiet ta' kooperazzjoni kulturali mwettqa mal-pajjiżi terzi, fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, partikolarment bil-ħsieb li jiġu promossi l-iskambji kulturali u artistiċi u l-koproduzzjonijiet, biex isir kontribu għat-taħriġ u l-mobbiltà ta' artisti u professjonisti tal-kultura u biex jissaħħu, jekk meħtieġ partikolarment permezz tal-iskambju ta' tagħrif espert — il-kapaċitajiet ta' żvilupp tas-setturi kulturali tal-pajjiżi sħab,

— għall-promozzjoni fil-livell internazzjonali tal-attivitajiet, beni u servizzi kulturali Ewropej, inklużi awdjoviżivi, bħas-servizzi awdjoviżivi esterni, u għall-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti tal-kultura Ewropej barra mill-Unjoni,

— għall-multilingwiżmu — partikolarment permezz tat-tagħlim tal-lingwi, it-traduzzjoni u l-iżvilupp tal-potenzjal tal-lingwi Ewropej kollha għall-iżvilupp tad-djalogu kulturali u ekonomiku mal-bqija tad-dinja — u għall-iżvilupp ta' kompetenzi interkulturali,

— għall-mobbiltà taż-żgħażagħ, fil-qafas tal-inizjattivi u l-programmi Komunitarji adegwati, għall-edukazzjoni kulturali u artistika tagħhom, inkluża l-edukazzjoni tagħhom dwar il-midja, u għall-aċċess tagħhom għall-espressjonijiet artistiċi fid-diversità tagħhom,

— għall-protezzjoni tad-dritt tal-awtur u tad-drittijiet relatati u għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-kontrafazzjoni u l-piraterija fil-livell internazzjonali, fil-qafas ta' ftehmiet bilaterali u multilaterali pertinenti u tad-djalogu politiku u tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi,

— għall-protezzjoni, il-preservazzjoni u l-valorizzazzjoni tal-partimonju kulturali, materjali u immaterjali, u għall-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż permezz tal-iskambju ta' esperjenzi fid-dawl tal-Konvenzjoni tal-Unesco tal-1970 msemmija hawn fuq, fil-qasam tal-prevenzjoni u tal-ġlieda kontra s-serq u t-traffiku illeċtu tal-beni kulturali, partikolarment dawk miksuba illegalment permezz ta' tiftix illegali jew serq ta' monumenti.

D. **Jiżviluppaw f'din il-perspettiva l-metodi ta' ħidma u l-istrumenti li ġejjin:**

— jirrikorru għall-analiżi tas-setturi tal-kultura tal-pajjiżi terzi, inkluża l-perspettiva tagħhom ta' żvilupp u l-qafas tagħhom ta' regolamenti, sabiex isir kontribut għal definizzjoni aħjar tal-istrateġiji u l-azzjonijiet li għandhom jitwettqu; il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-Istati terzi, ser tikkontribwixxi għal din l-analiżi,

— jieħdu vantaġġ mill-esperjenza tal-Istati Membri u jinkoraġġixxu s-sinerġiji bil-ħsieb li jikkontribwixxu għall-kumplimentarjetà tal-azzjonijiet imwettqa mill-Unjoni ma' dawk tal-Istati Membri tagħha u biex iħeġġu aktar azzjonijiet u proġetti kulturali komuni internazzjonalment; il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni "kultura" jista' jikkontribwixxi għal dan,

— f'dan il-qafas, l-istrumenti finanzjarji eżistenti, programmi operattivi u adattati għall-karatteristiċi tas-settur tal-kultura, partikolarment għall-istrutturi żgħar ta' produzzjoni u diffużjoni, u għall-karatteristiċi lokali tal-Istati Membri u tal-pajjiżi sħab: it-titjib tal-aċċess lill-professjonisti għall-informazzjoni dwar il-programmi u l-azzjonijiet ta' appoġġ, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' ksib ta' sussidji, ir-reġistrazzjoni ta' assistenza finanzjarja fit-tul, eċċ.,

— jieħdu kont fil-qafas tan-negozjati ta' ftehim internazzjonali mal-organizzazzjonijiet reġjonali jew il-pajjiżi sħab, tal-istrateġiji implimentati ma' kull wieħed fosthom,

— iheġġu l-involviment ta' artisti, professjonisti tal-kultura u, b'mod aktar ġenerali, tas-soċjetà ċivili, kemm tal-Istati Membri u tal-pajjiżi sħab, fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-politiki kulturali esterni,

— jippromwovu, finalment, kooperazzjoni akbar bejn l-istituzzjonijiet kulturali tal-Istati Membri tal-Unjoni stabbiliti fil-pajjiżi terzi, inkluż istituzzjonijiet kulturali, f'pajjiżi terzi, u l-omologi tagħhom f'dawk il-pajjiżi, partikolarment permezz tal-implimentazzjoni ta' netwerk.

# KUMMISSJONI

## Rata tal-kambju ta' l-euro ([1])

## Il-15 ta' Diċembru 2008

(2008/C 320/05)

**1 euro** =

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,351 | TRY | Lira Turka | 2,1172 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 122,42 | AUD | Dollaru Awstraljan | 2,0246 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4502 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,6555 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,8994 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,4703 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,865 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 2,4441 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,5789 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,992 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 859,35 |
| NOK | Krona Norveġiża | 9,322 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 13,816 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 9,2544 |
| CZK | Krona Ċeka | 26,157 | HRK | Kuna Kroata | 7,1781 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 117,69 |
| HUF | Forint Ungeriż | 266,74 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,8129 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 64,38 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7092 | RUB | Rouble Russu | 37,5615 |
| PLN | Zloty Pollakk | 3,9949 | THB | Baht Tajlandiż | 47,123 |
| RON | Leu Rumen | 3,94 | BRL | Real Brażiljan | 3,2481 |
| SKK | Krona Slovakka | 30,161 | MXN | Peso Messikan | 18,4344 |

([1]) *Sors:* rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# PARLAMENT EWROPEW

## Avviż ta' Reklutaġġ PE/115/S

(2008/C 320/06)

Il-Parlament qed jorganizza proċedura ta' għażla:

— **PE/115/S** — Aġent Temporanju — Amministratur (AD12) — Amministratur għall-istudji baġitarji

Din il-proċedura tal-għażla tirrikjedi livell ta' edukazzjoni ekwivalenti għal ċiklu komplet ta' studji universitarji ċċertifikat b'diploma.

Il-kandidati, fid-data ta' skadenza għat-tressiq tal-kandidaturi u wara t-titoli msemmija hawn fuq, għandu jkollhom esperjenza minima ta' ħmistax-il sena f'settur li għandu x'jaqsam man-natura tal-funzjonijiet.

Dan l-avviż ta' reklutaġġ huwa ppubblikat biss bl-Ingliż u bil-Franċiż. It-test integrali jinsab fil-Ġurnal Uffiċjali C 320 A f'dawn iż-żewġ lingwi.

# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

# KUMMISSJONI

## Avviż tal-iskadenza ta' ċerti miżuri anti-dumping

(2008/C 320/07)

B'referenza għall-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti ([1]), liema avviż ma wassal għal ebda talba għal reviżjoni, il-Kummissjoni tavża li l-miżuri anti-dumping imsemmija hawn isfel se jiskadu dalwaqt.

Dan l-avviż huwa ppubblikat skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 ([2]) dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea.

| Il-prodott | Pajjiż(i) ta' oriġini jew ta' esportazzjoni | Miżuri | Referenza | Data ta' skadenza |
|---|---|---|---|---|
| Silikon | Ir-Russja | Id-dazju tal-anti-dumping | Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2229/2003 (ĠU L 339, 24.12.2003, p. 3) kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 821/2004 (ĠU L 127, 29.4.2004, p. 1) | 25.12.2008 |
| | | Impenn | Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/445/KE (ĠU L 127, 29.4.2004, p. 114) | |

([1]) ĠU C 182, 19.7.2008, p. 22.
([2]) ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.

# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# KUMMISSJONI

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Każ COMP/M.5415 — Telenet/Concentra/VAR/JV)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 320/08)

1. Fit-8 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriżi Telenet NV ("Telenet", il-Belġju) kkontrollata minn Liberty Global, Inc. ("Liberty Global", l-Istati Uniti), Concentra Media NV ("Concentra", il-Belġju) u Vlaamse Audiovisuele Regie NV ("VAR", il-Belġju), ikkontrollata minn Vlaamse Radio- en Televiesieomroep ("VRT", il-Belġju) jakkwistaw, skont l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, kontroll konġunt tal-impriża Pebble Media NV (il-"JV", il-Belġju) permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Liberty Global: il-provvediment ta' servizzi tat-televiżjoni, tat-telefown u tal-aċċess għall-internet permezz ta' netwerks tal-cable lill-abbonati residenzjali u kummerċjali fi 17-il pajjiż, inkluż il-Belġju u l-Olanda,

— għal Telenet: il-provvediment ta' servizzi tat-televiżjoni, tat-telefown u tal-aċċess għall-internet permezz ta' netwerks tal-cable lill-abbonati residenzjali u kummerċjali fil-Belġju,

— għal Concentra: pubblikazzjoni ta' gazzetti u rivisti, pubblikazzjoni fuq l-internet, televiżjoni u radju mingħajr ħlas fil-Belġju,

— għal VRT: televiżjoni u radju mingħajr ħlas fil-Belġju,

— għal VAR: bejgħ ta' spazju ta' reklamar fuq it-televizjoni, radju u internet fil-Belġju,

— għall-JV: servizzi ta' intermedjazzjoni għall-bejgħ ta' spazju ta' reklamar fuq l-internet fil-Belġju u fil-pajjiżi ġirien.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija rriżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jissottomettu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (faks nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5415 — Telenet/Concentra/VAR/JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussel

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.

**NOTA LILL-QARREJ**

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.